**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 58/17 CZ**

**Joseph Mallia**

**vs.**

**Rennie Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fil-25 ta' Jannar 2017 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erba' mija u sebgha u tletin Euro (€437), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-attur silef flus 'brevi manu' lill-konvenut, bil-patt li jithallsu lura lill-attur, ftit jiem wara.

Illi l-ammont li l-attur silef lil Rennie Borg jammonta ghal erba' mija u sebgha u tletin Euro (€437) u dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut.

Illi ghaldaqstant l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont fuq imsemmi u li kienu mislufa lilu 'brevi manu' u li ghadu dovut sal-lum, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sebgha u tletin Euro (€437) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur